



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Lulju 2019
(OR. en)

10738/19
ADD 1

ENER 395
WTO 188
FDI 18

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9305/19 + ADD 1
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni li tawtorizza d-dħul f'negozjati dwar il-modernizzazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija - Deċiżjoni tal-Kunsill - Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li huma partijiet għat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija - Direttivi ta' Negożjati <i>Adozzjoni</i> <i>Dikjarazzjonijiet</i>

Dikjarazzjoni mill-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja u l-Litwanja

Deċizzjoni tal-Kunsill li tawtorizza d-dħul f'negozjati dwar il-modernizzazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija

Il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja u l-Litwanja jappoġġaw il-ħtieġa li jiġi mmodernizzat it-Trattat tal-Karta tal-Enerġija f'konformità mal-istandards moderni kif riflessi fl-approċċ riformat tal-UE dwar il-protezzjoni tal-investment. Nemmu wkoll li t-Trattat tal-Karta tal-Enerġija għandu jkun fih referenzi sodi għall-iżvilupp sostenibbli, inkluż dwar it-tibdil fil-klima u t-transizzjoni lejn enerġija nadifa f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi biex jiġu riflessi aħjar ir-realtajiet il-ġodda tas-settur tal-enerġija, speċjalment il-ħtieġa dejjem akbar ta' kooperazzjoni reġjonali u globali msaħħa dwar il-protezzjoni ambjentali.

F'konformità mal-memorandum ta' spjegazzjoni tal-Kummissjoni (COM (2019) 231 final), il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja u l-Litwanja jifhmu li, hekk kif jirriżulta mill-approċċ riformat tal-UE dwar il-protezzjoni tal-investment, id-dispożizzjonijiet modernizzati tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli u r-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji ser ikunu ta' natura mhux vinkolanti. Għalhekk, nappellaw lill-Kummissjoni biex issegwi dan l-approċċ u tfittex li tikseb gwida mill-Istati Membri dwar kull proposta ta' test mressqa fil-proċess ta' modernizzazzjoni tat-Trattat tal-Enerġija.

Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Renju tan-Netherlands, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika Slovakka u r-Renju ta' Spanja

Ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Renju tan-Netherlands, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika Slovakka u r-Renju ta' Spanja b'dan itennu u jikkonfermaw il-pożizzjonijiet tagħhom espressi fid-*Dikjarazzjoni dwar il-Konsegwenzi Legali tas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża Achmea u dwar il-Protezzjoni tal-Investment fl-Unjoni Ewropea* datata 15 ta' Jannar 2019, li skontha, fost oħrajn:

Ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni, inkluż it-Trattat tal-Karta tal-Enerġija, huma parti integrali mill-ordni legali tal-UE u għaldaqstant għandhom ikunu kompatibbli mat-Trattati. It-tribunali tal-arbitraġġ interpretaw it-Trattat tal-Karta tal-Enerġija bħala li fih ukoll klawżola ta' arbitraġġ bejn l-investitur u l-Istat applikabbli bejn l-Istati Membri. Meta tkun interpretata b'tali mod, dik il-klawżola tkun inkompatibbli mat-Trattati u b'hekk ma għandhiex tipi applikata.

B'dan jiddikjaraw li l-adozzjoni tad-direttivi ta' negozjati għall-modernizzazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija ma għandhiex taffettwa l-pożizzjoni tagħhom rigward in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-Artikolu 26 tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija f'tilwim bejn investitur minn Stat Membru tal-UE wieħed u Stat Membru ieħor tal-UE, kif espressa fid-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq. Din il-kwistjoni ser tiġi ttrattata mill-aktar fis possibbli.

Dikjarazzjoni mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Renju tal-Iżvezja:

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU, IR-REPUBBLIKA TA' MALTA, IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA U

IR-RENU TAL-IŻVEZJA, b'dan qed itennu u jikkonfermaw il-pożizzjonijiet tagħhom, espressi fid-*Dikjarazzjoni dwar il-Konsegwenzi Legali tas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża Achmea u dwar il-Protezzjoni tal-Investment fl-Unjoni Ewropea* datata 16 ta' Jannar 2019, li tiddikjara, fost oħrajn li:

Il-kawża Achmea tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-liġi tal-UE fir-rigward ta' klawżola ta' arbitraġġ bejn l-investitur u l-istat fi trattat bilaterali ta' investment bejn l-Istati Membri. L-Istati Membri jinnotaw li s-sentenza fil-Kawża Achmea hija siekta dwar il-klawżola ta' arbitraġġ bejn l-investitur u l-istat fit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija. Wara s-sentenza fil-Kawża Achmea, għadd ta' tribunali internazzjonali tal-arbitraġġ ikkonkludew li t-Trattat tal-Karta tal-Enerġija fih klawżola ta' arbitraġġ bejn l-investitur u l-istat applikabbli bejn l-Istati Membri tal-UE¹. Din l-interpretazzjoni hija attwalment ikkontestata quddiem qorti nazzjonali fi Stat Membru². F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jissottolinjaw l-importanza li jitħalla proċess dovut u huma tal-fehma li ma jkunx xieraq, fin-nuqqas ta' sentenza speċifika dwar din il-kwistjoni, li jkunu espressi fehmiel fir-rigward tal-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-applikazzjoni intra-UE tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija .

B'dan jiddikjaraw li l-adozzjoni tad-direttiva ta' negozjati għall-modernizzazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija ma għandhiex taffettwa l-pożizzjoni tagħhom fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 26 tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija f'tilwim bejn investitur minn stat membru tal-UE u stat membru ieħor tal-UE, kif espressa fid-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq.

¹ *Masdar Solar & Wind Cooperatief U.A. vs Ir-Renju ta' Spanja*, Kawża tal-ICSID Nru ARB/14/1, *Eiser Infrastructure Limited u Energía Solar Luxembourg S.à.r.l vs Ir-Renju ta' Spanja*, Kawża tal-ICSID Nru ARB/13/36, *Antin Infrastructure Services Luxembourg S.à.r.l vs Ir-Renju ta' Spanja* u *Antin Energia Termosolar B.V. vs Ir-Renju ta' Spanja*, Kawża tal-ICSID Nru ARB, 13/2, *Vattenfall AB; Vattenfall GMBH; Vattenfall Europé Nuclear Energy GMBH; Kernkraftwerk Krümmel GMBH & Co. oHG; Kernkraftwerk Brunbüttel GMBH & Co. oHG vs Ir-Repubblika tal-Ġermanja*, Kawża tal-ICSID Nru ARB/12/12, *Antaris Solar GmbH and Michael Gode vs Ir-Repubblika Ċeka*, Kawża tal-Qorti Permanenti tal-Arbitraġġ Nru 2014-01, *Athena Investments A/S vs Ir-Renju ta' Spanja*, Kawża tal-SCC Nru 150/2015

² Proċedura ta' annullament fil-Qorti tal-Appell ta' Svea, Kawża Nru 4658-18, *Novenergia II - Energy & Environment (SCA) (Gran Dukat tal-Lussemburgu), SICAR vs Ir-Renju ta' Spanja*, Arbitraġġ tal-SCC (2015/06)

Dikjarazzjoni tal-15 ta' Lulju 2019 mir-Rappreżentant tal-Gvern tal-Ungerija, dwar il-konsegwenzi legali tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża Achmea u dwar il-protezzjoni tal-investiment fl-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Modernizzazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija

IR-RAPPREŻENTANT TAL-UNGERIJA, b'dan itenni u jikkonferma l-pożizzjoni tagħha, espressa fid-Dikjarazzjoni tar-Rappreżentant tal-Gvern tal-Ungerija tas-16 ta' Jannar 2019, dwar il-konsegwenzi legali tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża Achmea u dwar il-protezzjoni tal-investiment, li fost l-oħrajn tiddikjara li:

L-Ungerija tiddikjara wkoll li fil-fehma tagħha, is-sentenza fil-Kawża Achmea tikkonċerna biss it-trattati bilaterali ta' investiment intra-UE. Is-sentenza fil-Kawża Achmea hija siekta dwar il-klawżola ta' arbitraġġ bejn investitur u stat fit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija. (minn hawn 'il quddiem: l-ECT) u ma tikkonċerna ebda proċedura ta' arbitraġġ pendenti jew prospettiva mibdija skont l-ECT.

F'dan il-kuntest, l-Ungerija tissottolinja l-importanza li jitħalla l-proċess dovut u tqis li mhux xieraq li Stat Membru jesprimi l-fehmiet tiegħu fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-applikazzjoni intra-UE tal-ECT mad-dritt tal-Unjoni. L-applikabbiltà li għaddejja u dik fil-futur tar-relazzjonijiet intra-UE teħtieġ aktar diskussjoni u qbil individwali fost l-Istati Membri.

L-Ungerija b'dan tiddikjara li l-adozzjoni tad-direttiva ta' negozjati għall-modernizzazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija ma għandhiex taffettwa l-pożizzjoni tagħha fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 26 tat-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija f'tilwim bejn investitur minn stat membru tal-UE u stat membru ieħor tal-UE, kif espressa fid-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tieħu nota tat-talba tal-Kunsill biex l-UE timpenja ruħha dwar il-kwistjoni tat-trasparenza għal soluzzjoni tat-tilwim dwar l-investment fil-kuntest tal-immodernizzar tal-ECT. Il-Kummissjoni tinnota li l-Kunsill diġà talab lill-Kummissjoni biex tinneogzja ftehim li jipprovdi trasparenza fis-soluzzjonijiet tat-tilwim dwar l-investment permezz tad-direttivi ta' awtorizzazzjoni u ta' negozjati mogħtija fl-2014 biex tiġi nneogzjata l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-trasparenza fl-arbitraġġ bejn l-investituri u l-Istat, abbażi tat-Trattati (il-"Konvenzjoni ta' Mauritius"). Il-Kummissjoni tinnota li għamlet proposti biex l-UE tiffirma u tikkonkludi l-Konvenzjoni ta' Mauritius fl-20 ta' Frar 2015, u li l-Kunsill għadu ma ħax azzjoni dwar dawn il-proposti. L-adozzjoni ta' dawn il-proposti tipprovdi mekkaniżmu biex f'każ ta' tilwim tiġi applikata t-trasparenza skont l-ECT u b'hekk tiġi evitata d-duplikazzjoni relatata mal-ħolqien ta' ġabra ġdida ta' regoli għat-trasparenza fl-ECT. Għaldaqstant il-Kummissjoni thegġegħ lill-Kunsill biex jadotta l-proposti marbuta mal-Konvenzjoni ta' Mauritius, u wara jaħdem mal-Kummissjoni biex jiżgura li pajjiżi oħra li huma partijiet għall-ECT jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Mauritius.
